MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2008

Numru 10/2004

PULIZIJA
SPETTUR MARIA STELLA ATTARD
VS
JOHN BUGEJA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat John Bugeja ta’ 34 sena, iben Pawlu u Emanuela nee’ Camilleri, imwieled Pieta’, nhar is-26 ta’ Gunju, 1969, residenti numru 116, Triq Santa Katerina, Qormi u detentur tal-karta ta’ l-Identita’ bin-numru 228969(M).

U huwa akkuzat talli:

a). Talli nhar is-16 ta’ Novembru 2002 wara 5:00a.m. gewwa Hal Qormi kkommetta serq ta’ ‘Kiddie ride machine’ minn Triq id-Dragun Qormi liema valur huwa ammontabli ghall-ammont ta’ Lm200 Maltin liema serq

huwa kwalifikat bil-valur, mezz u hin liema serq sar ghad-detriment ta’ Frankie Ellul;

b). Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi f’dawn il-Gzejjer sew jekk f’Malta jew barra minn Malta xjentement laqa’ ghandu hwejjeg misruqa jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

c). Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi volontarjament hassar jew ghamel hsara hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara tammonta ghall-valur mhux maghruf;

d). Talli sar recediv skond sentenzi li saru definittivi quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar is-26 ta’ Settembru 2003, tad-29 ta’ April 2002 u tal-4 ta’ Ottubru 2000.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali a fol.10 u dak ta’ l-imputat a fol.14 sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, b’mod specjali ghal dik moghtija mis-Surgent 160 Mario Mifsud, jirrizulta illi Antoinette Bugeja (oht l-imputat) kienet irraportat lil Pulizija illi l-imputat kien gab magna tal-loghob tat-tfal illi soltu jkun hemm fit-triqat pubblici. Illi ghaldaqstant PS 160 Mifsud accedda fir-residenza tal-kwerelanti u giet elevata din il-magna.

Jumejn wara Frankie Ellul irraporta serq ta’ magna tat-tfal minn hdejn il-hanut tieghu, ‘Moda Classica’, Hal Qormi. Ellul ikkonferma illi l-magna kienet tiswa’ xi mitejn lira

(Lm200). L-istess Ellul kien gharaf il-magna li nsterqitlu fl-Ghassa tal-Pulizija.

PS 160 Mifsud ezebixxa l-okkorrenzi Dok.PS1 u Dok.PS2.

Frankie Ellul (a fol.24 et seq.) ikkonferma s-serq ta' 'Kiddie ride machine' minn hdejn il-hanut tieghu fuq indikat fi Dragon Street, Qormi. Illi fuq din il-magna, Ellul sab hamsin lira (Lm 50) hsara.

PS 238 ezebixxa l-istatement ta' l-imputat Dok.MSC1 (ara fol.31 u 32)

Spettur Maria Stella Cutajjar a fol.41, ezebit sentenzi Dok.MSC, Dok.MSC1 u Dok.MSC2 a fol.43, datati 26 ta' Settembru 2003 u 29 ta' April 2002 u 4 ta' Ottubru tat-2000.

L-imputat, John Bugeja, xhed a fol.53, fejn stqarr illi fis-16 ta' Novembru huwa kien qieghed il-kazin ta' 'Anici' u f'xi l-erbgha u nofs, il-hamsa neqsin kwart ta' filghodu, fi triqtu ghad-dar, sab din il-'Kiddie ride machine' mitluqa ma' zibel iehor. Huwa gabarha u hadha d-dar sabiex jatiha lit-tfal ta' ohtu. Xhed illi ohtu ghamlitlu xenata u rrapurtatu lil Pulizija. Huwa kkonferma illi fil-passat huwa kellu problemi tal-vizzji tad-droga, izda pero' kien ilu seba' xhur u nofs 'clean' u kien qieghed jattendi d-'day programm' mas-Sedqa. L-imputat baqa jsostni illi huwa sab din il-magna fost iz-zibel u jinnega illi din kienet imwahhla ma' l-art u mqabbda mal-luce elettrika.

Ikkonsidrat:

Illi mill-fatti kollha migjuba a konjizzjoni ta' din il-Qorti, hija l-fehma ta' l-istess Qorti illi l-prosekuzzjoni lahhqet il-livell probatorju rikjest mil-ligi kriminali, u cioe, sal-grad ta' minghajr dubbju dettat mir-raguni illi l-imputat fil-fatt seraq din il-'Kiddiride machine' minn hdejn il-hanut 'Moda Classica' Triq il-Dragon, Qormi. Il-Qorti taghraf illi l-verzjoni ta' l-imputat ma ghandiex mis-sewwa u ma hijiex kredibbli u l-Qorti tifhem illi ma huwiex veru illi l-imputat sab li l-'Kiddie ride machine' qalb iz-zibel.

Illi r-reazzjoni ta' oht l-imputat, li ddenunzjat lil huha stess lil Pulizija hija riflessjoni fuq l-agir u l-ghemil ta' l-imputat illi kelli storja ta' abbuz ta' drogi.

Illi madanakollu l-Qorti taghraf illi l-imputat illum il-gurnata huwa 'clean' u qieghed jaghmel 'day programm' ghal riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga u li l-'Kiddie ride machine' infatti giet ritornata lil sidha.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel (1), it-tielet (3) u r-raba' (4) akkuza mhux hati tat-tieni (2) akkuza stante li hija alternattiva ghall-ewwel (1) akkuza u ghaldaqstant il-Qorti tilliberah mit-tieni (2) akkuza u wara li rat l-Artikoli 261,, 263, 264, 267, 270, 279 u 280 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta u tqieghed lill-imputat taht ordni tal-Probation ghal perijodu ta' sentejn taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tinbaghat lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------